**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 18 ta' Gunju, 2020**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 212/2019 AF**

**Neville Gafà**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Neville Gafà li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti fit-2 ta' Settembru 2016, ir-rikorrenti pprezenta zewg libelli kontra certu David Lindsay bhala l-editur tal-gurnal The Malta Independent u bhala awtur ta' zewg artikoli pubblikati fl-istess gurnal. Dawn il-kawzi qed jinstemghu fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Victor Axiaq u

jgibu n-numru ta’ registrazzjoni 220/2016 u 221/2016. Dawn iz-zewg kawzi qed jinstemghu kontestwalment.

L-ahhar seduta li saret f’dawn il-processi (nhar it-28 ta’ Ottubru, 2019 f’12:00pm) kienet intiza ghal kontro-ezamijiet ta’ “hames xhieda ta’ nazzjonalità Libjana indikati a fol. 82 tal-process numru 220/16”.

Dawn il-“kontro-ezamijiet” kienu ser isiru lil individwi li qatt ma kienu xehdu f’dawn il-proceduri. L-uniku referenza ghal dawn l-individwi fl-atti kienet traskrizzjoni ta’ diskors li dawn l-individwi allegatament qalu lil xhud f’dawn il-proceduri, certu Ivan Grech Mintoff.

Mill-atti jirrizulta wkoll illi fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2018, il-konvenut f’dawn il-proceduri kien iddikjara illi salv ghal prezentata ta’ xi *recordings*, huwa ma kienx ghad fadallu provi x’iressaq f’dawn il-kawzi.

Ghalhekk wiehed jipprezumi li dawn l-hekk imsejjha “kontro-ezamijiet” kienu qed jirreferu ghad-dritt tal-attur li jaghmel mistoqsijiet lil dawn l-individwi li lanqas biss xehdu fil-proceduri izda li taghhom gie prezentat rendikont ta’ dak li huma allegatament qalu lil xhud iehor.

Hekk kif bdiet is-seduta quddiem il-Magistrat Victor Axiaq, l-avukati difensuri tar-rikorrenti nfurmaw lil Qorti li xtaqu jaghmlu numru ta’ sottomissjonijiet u talbiet konsegwenzjali ghall-istess.

Sa minn dan il-mument bikri fis-seduta, il-Magistrat sedenti wera ostilità liema bhala lejn ir-rikorrenti u d-difensuri tieghu, tant illi minghajr ma sema’ dak li kellhom xi jghidu l-istess difensuri, informahom illi huwa kien ser jisma’ lil dawn l-individwi, u jekk trid, id-difiza tar-rikorrenti setghet taghmel verbali u talbiet fl-ahhar tas-seduta.

Id-difiza oggezzjonat bir-rispett ghal din il-posizzjoni li hadet il-Qorti u dan peress illi jekk jitqajjem punt ta’ dritt li jaffettwa process li kien ghadu ser isir, dan il-punt ta’ dritt kellu se mai jigi verbalizzat u deciz qabel ma’ l-process innifsu jkompli.

Finalment il-Qorti ippermettiet lid-difiza taghmel it-talbiet taghha u sussegwentement cahdet it-talbiet kollha.

Dina s-seduta kompliet ghalhekk sabiex jinstemghu hames xhieda li kienu fil-Libja u li kellhom jixhdu permezz tat-teknologija tal-*video conferencing*.

Hekk kif inxtghel l-iscreen li fuqu kienu ser jidhru dawn l-individwi fl-awla, tfaccat xena ta' salott b'sufan kbir u b'numru sostanzjali ta' individwi pogguti bilqeghda fuq dan is-sufan f'cirku tond.

Dawn l-individwi ma kienu akkumpanjati mill-ebda awtorità gudizzjarja izda sahansitra kollox kien jindika illi din il-*video conferencing* kienet attività privata organizzata minn dawn l-individwi jew ahjar minn min hemm warajhom.

Prezenti fl-awla f'Malta il-Qorti sejhet interpretu sabiex jittraduci mill-Gharbi ghall-Malti.

Madanakollu mal-ewwel tfaccaw diffikultajiet kbar ta' komunikazzjoni u dan peress illi l-individwi kienu jitkellmu l-lingwa Libjana u mhux l-Gharbi.

Fl-istess waqt, bil-qeghda fuq dan is-sufan, giet identifikata persuna li skond hi kienet interpretu. Mistoqsija mill-Qorti xi kwalifiki kellha, dina l-persuna wiegbet li kienet ghalliema. Ghalliema ta' xhiex hadd ma jaf ezatt.

Ix-xena fl-awla kienet tixbah aktar xena minn teatrin milli seduta serja f'Qorti tal-Gustizzja.

Il-Magistrat sedenti ordna li kull individwu jixhed separatament mill-individwi l-ohra. Issa hawn tajjeb jinghad illi l-kwalità tal-video kienet hazina hafna u d-daqs tal-istampa kien wiehed tawwali tant illi bilkemm kienu jidhru l-ucuh shah tal-interpretu u ta' min suppost kien qed jixhed.

Inoltre, minhabba l-kwalità tal-istampa u l-modalitajiet tal-istess, lanqas kien possibbli illi jigi accertat illi fil-fatt dawn ix-

xhieda kienu f'kamra separata, jew jekk kienux migbura wara l-camera, kemm kemm ma jidhrux.

Tul is-seduta kien evidenti illi kien hemm problemi kbar hafna ta' komunikazzjoni. Din il-problema l-Qorti dehrilha li kellha ssolviha billi dderigiet lill-Avukat tal-konvenuti jaghmel mistoqsijiet diretti lix-xhieda kollha.

F'dan l-istadju, u dan sabiex wiehed jifhem ir-retroxena ta' dan kollu, fil-bidu tas-seduta, il-Qorti, ben konsapevoli li ma setax isir kontro-ezami ta' persuna li ma xehedx in ezami, iddikjarat li x-xhieda kellhom jixhdu in ezami.

Minkejja dan kollu, kull xhud li ddepona f'dawn il-proceduri gie bbumbardjat b'domandi diretti mill-Avukat tal-konvenuti.

Qisu dan kollu ma kienx bizzejjed, l-Ewwel Qorti ippermettiet il-presenza fl-awla tax-xhud Ivan Grech Mintoff, li kien ix-xhud li xehed dwar dak li allegatament kienu qaluli dawn l-individwi. Mhux hekk biss, izda sahansitra dan ix-xhud ippartecipa b'mod attiv f'dawn il-proceduri billi beda b'mod konsistenti u kontinwu jissuggerixxi minn taht l-ilsien lill-interpretu li kien fl-awla u jikkonsulta mal-Avukat li suppost kien qed jippatrocina lill-konvenut.

Sfortunatament, anki jekk mhux b'intenzjoni, il-Magistrat sedenti f'dawn il-proceduri ippermetta illi din il-*messa in xena* organizzata mill-konvenut u l-persuni ta' warajh, titlibbes il-velu ta' process gudizzjarju sabiex tostor u tahbi dak li verament kienet din ix-xhieda – *publicity stunt* ta' gideb sfaccat minn persuni li ma riedux jirritornaw lura lejn pajjizhom.

L-esponenti jhoss illi l-mod dilettantesk li bih saret din il-video conferencing mhux biss ma taghmilx gieh lill-istituzzjoni tal-Qorti izda sahansitra illediet id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif sancit permezz tal-Artikolu 6 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi l-Qorti tal-Magistrati ppermettiet li ssir video conferencing minghajr il-presenza ta' awtorità

gudizzjarja jew almenu awtorità sorveljanti fil-post minn fejn kienet qed tigi mxandra x-xhieda, ossija mill-Libja.

ii. Illi l-Qorti tal-Magistrati ippermettiet li jixhdu individwi, minghajr ma setghet issir ivverifika kif suppost tal-identità tal-istess, u dan anki minhabba fost l-ohrajn il-kwalità hazina tax-xandira, u d-dizorganizzazzjoni in generali li kien hemm fl-awla f'dina s-seduta.

iii. Illi l-Qorti tal-Magistrati ppermettiet li t-traduzzjoni ssir individwu li ma jdentifikax ruhu formalment u li hadd ma jaf x'kienu l-kredenzjali tieghu biex iservi ta' traduttur ghajr li skond hu, huwa ghalliem.

iv. Illi l-Qorti tal-Magistrati ippermettiet illi x-xhud li ghamel l-allegazzjonijiet li huma direttament relatati ma' dawn l-individwi, mhux biss jithalla prezenti fl-awla, izda sahansitra thalla jippartecipa fil-proceduri daqs li kieku kien parti fil-kawza.

v. Illi l-Qorti tal-Magistrati ippermettiet lill-Avukat tal-konvenut jaghmel domandi direttissimi lil dawn il-hames individwi f'dawn il-proceduri.

vi. Illi bhala stat ta' fatt, dak li qed isostni r-rikorrenti f'dina l-kawza kien fil-fatt hafna aghar ghal min kien prezenti fl-awla, u l-video tal-filmat certament ikun hafna aktar indikattiv tal-babilonja li ppermettiet il-Qorti tal-Magistrat f'dina l-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li ghar-ragunijiet supraindikati ir-rikorrenti sofra lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu li jkollu smiegh xieraq.

2. Tordna l-isfilz tal-filmat kollu tal-video conferencing u tax-xhieda traskritta riferibbli ghall-istess seduta tat-28 ta' Ottubru, 2018 fil-kawi fl-ismijiet Neville Gafà vs Davd Lyndsay noe (Avvizi numru: 220/2016 u 221/2016).

Barra dan, billi timponi kwalunkwe mizuri li jidhirilha xierqa u tiddikjara li l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jithallsu mill-konvenut.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens illi fi proceduri ta' libell civili fl-ismijiet "Neville Gafà vs David Lindsay noe" (rikors numru 220/2016) u "Neville Gafà vs David Lindsay noe" (rikors numru 221/2016) li jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) allegatament "*illi l-mod dilettantesk li bih saret din il-video-conferencing mhux biss ma taghmilx gieh lill-istituzzjoni tal-Qorti izda sahansitra illediet id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif sancit permezz tal-Artikolu 6 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta* ".

L-esponenti jissottometti li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

In linea preliminari, in kwantu l-proceduri civili li minnhom qieghed jilmenta r-rikorrenti ghadhom pendenti, l-esponenti jecepixxi formalment l-intempestività ta' dina l-azzjoni u dan in kwantu l-lanjanzi tar-rikorrenti huma mibnija fuq allegata lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq.  L-esponenti jirrileva illi sabiex ikun jista' jigi determinat jekk ir-rikorrenti garrabx ksur ta' dan l-artikolu, irid jigi ezaminat il-process ta' libell kollu fit-totalità tieghu.

In linea preliminari wkoll, l-esponenti qieghed jitlob is-sejha fil-kawza ta' David Lindsay noe in kwantu r-rikorrenti qieghed jitlob sfilz tal-filmat tal-*video conference* u tax-xhieda traskritta mehuda waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2018 fil-kawzi fl-ismijiet Neville Gafà vs David Lindsay noe (rikors numru 220/2016 u 221/2016) liema sfilz jekk jintlaqa' minn dina l-Onorabbli Qorti jeffettwa l-proceduri ta' libell civili li ghadhom pendenti u ghalhekk dawn il-persuni ghandhom kull interess li jissejjhu f'dawn il-proceduri.

In linea preliminari wkoll, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi huwa qieghed jadopera

procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tieghu rimedju ordinarju sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnhu.  In fatti, ir-rikorrenti ghandu rimedju tramite l-Artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jkun jista' jappella mid-digriet interlokutorju moghti mill-Qorti tal-Magistrati.  Illi l-fatt li minkejja tali disponibbilità ta' rimedju ordinarju xorta wahda r-rikorrenti ma jkollux success (anke jekk il-Qorti tal-Magistrati tichad it-talba ghall-permess specjali sabiex isir appell minn digriet interlokutorju) ma jnaqqas xejn mill-fatt li tali rimedju ordinarju huwa disponibbli, effikaci u effettiv sabiex jindirizza l-ilment tar-rikorrent.

Ghaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-*proviso* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, stante l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jecepixxi li r-rikorrenti ma jistax jinqeda bi proceduri konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont hu, il-Qrati ta' gurisdizzjoni civili zbaljaw fis-sentenzi jew digrieti taghhom. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-qrati ordinarji.  Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk il-qrati ordinarji iddecidewx b'mod tajjeb u korrett tilwima li kellhom quddiemhom.  Illi minn qari tar-rikors promotur jinzel bic-car li r-rikorrenti qieghed jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidhol fil-mertu fattwali ta' dak li gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati waqt l-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2019 fil-proceduri ta' libell li jiffurmaw il-mertu tal-azzjoni odjerna.  Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog il barra mill-iskrutinju li tahseb ghalih ilKonvenzjoni.

Mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta talba mqajjma minn parti fi proceduri pendenti tigi michuda minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun

ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull Qorti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubru 2001). Hija setgha limitata biex tiqis jekk il-proceduriment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skond il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed ilibbes l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Qorti tal-Magistrati ta' dak deciz minnha fid-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru 2019. Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mill-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab.

Certament li azzjoni bhal dik odjerna ma ghandhiex tintuza biex wara li Qorti tal-Magistrati tkun cahdet talba maghmula minn parti tinfetah opportunità gdida ghal tkun michuda lilu tali talba sabiex jittenta jbiddel id-decizjoni tal-qrati muniti b'gurisdizzjoni civili.

Minghajr pregudizzju ghal dak li nghad aktar kmieni f'din ir-risposta, l-esponenti jissottometti li l-proceduri ta' libell li qed jigi attakkati mir-rikorrenti ma kienu mtappna mill-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottometti li (a) il-proceduri kollha qeghdin jinzammu u ser jigu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrenti ghandu access miftuh ghall-qorti; (c) is-smigh kollu qieghed jigi kondott fil-presenza tieghu; (d) il-partijiet qeghdin

jinghataw opportunitajiet ugwali sabiex itellghu ix-xhieda jezaminaw u jikkontro-ezaminaw tali xhieda bi tharis tal-principju tal-ugwaljanza tal-armi; (e) r-rikorrenti qieghed jinghata l-opportunità kollha li jiddefendi l-kaz tieghu minghajr ebda xkiel; (f) ir-rikorrenti jinstab meghjun minn avukat ta' fiducja tul il-proceduri; u (g) r-rikorrenti qieghed jinghata z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tal-kaz tieghu.

In kwantu r-rikorrenti jallega ksur tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti mill-fatt li l-*video-conferencing* ma saritx fil-presenza ta' awtorità gudizzjarja jew awtorità sorveljanti fil-post fejn kienet qeghdha tittiehed ix-xhieda, l-esponenti jissottometti li l-*video-conference* in kwistjoni saret sabiex xhieda li jinstabu barra minn Malta jiddeponu quddiem il-Qrati Maltin minghajr il-htiega li tali xhieda jigu f'Malta. Dan ifisser li tali xhieda ssottomettew ruhhom ghal-Qrati Maltin u li x-xhieda kienu qieghdin jottemperaw ruhhom ma' dak li l-awtorità gudizzjarja Maltija, f'dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati, kienet qeghdha tordna. Illi ma hemm l-ebda dubju ghalhekk li x-xhieda ngabret fil-prezenza ta' awtorità gudizzjarja u cioè il-Qorti tal-Magistrati (Malta) li hija munita bil-garanziji kollha ta' smigh xieraq.

In kwantu r-rikorrenti jallega ksur tad-dritt ghal smigh xieraq li gew imhollija jixhdu individwi minghajr ma saret il-verifika tal-identità taghhom u li l-interpretu ma identifikax ruhhu formalment u li ma qalx x'inhuma l-kredenzjali tieghu hlief li huwa ghalliem, l-esponenti jissottometti li jekk ir-rikorrenti kellu xi dubbju dwar l-identità tax-xhieda tali dubbju kellu jitqajjem quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u mhux tramite procedura kostituzzjonali. Illi r-rikorrenti dejjem jista' jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar dan il-fatt waqt il-proceduri ta' libell fl-istadju opportun. Illi certament dina l-kwisjtoni qatt ma tista' tifforma bazi ta' ksur tad-dritt ghal smigh xieraq stante li tali kwistjoni tesorbita l-mansjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti. Illi d-dritt ta' smigh xieraq jipprovdi garanziji li huma fin-natura taghhom differenti minn dak li qieghed jallega r-rikorrenti fejn qieghed ir-rikorrenti qieghed jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirrduci ruhha ghall-Qorti tal-Magistrati.

In kwantu r-rikorrenti jallega ksur tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti mill-fatt li xhud li kien iddepona thalla fl-awla, l-

esponenti jissottometti li mill-atti processwali tal-libell jirrizulta li tali xhud kien digà iddepona u li kien digà sarlu l-kontro-ezamijiet. Illi jidher ghalhekk li bil-prezenza ta' dan ix-xhud ir-rikorrenti bl-ebda mod ma sofra pregudizzju jew zvantagg gialadarba dana x-xhud digà ddepona u giet kontro-ezaminat.

In kwantu r-rikorrenti jallega ksur tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti mill-fatt li l-Avukat tal-konvenut fil-proceduri ta' libell thalla jaghmel domanti 'direttissimi' lil hames xhieda li kienu qeghdin jixhdu permezz tal-*video-conference*, l-esponenti jissottometti li dina hija kwistjoni li kellha titqajjem quddiem il-Qorti tal-Magistrati u cioè l-ammissibbilità tal-mistoqsija u mhux quddiem Qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali. Illi *dato ma non concesso* li dan sar, ir-rikorrenti dejjem seta' jikkontrolla dina x-xhieda moghtija fis-seduta tal-28 ta' Ottubru 2019 billi jaghmel il-kontro-ezamijiet tieghu.

Isegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2020 l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Konsegwentement, qiegħed jitlob lill-Qorti tordna l-isfilz tal-filmat kollu tal-*video conferencing* u tax-xhieda traskritta li ttieħdu fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2018 fiż-żewġ kawżi fl-ismijiet Neville Gafa vs David Lindsay noe, li qegħdin jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Dottor Victor Axiaq. Ir-rikorrent jikkontendi li d-deposizzjoni

tax-xhieda li ttieħdet bil-mezz tal-*video conferencing* hija milquta minn diversi irregolaritajiet.

Din is-sentenza hija limitata għat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat li permezz tagħha talab is-sejħa fil-kawża ta' David Lindsay bħala *editor* tal-ġurnal The Malta Independent u bħala l-awtur ta' żewġ artikoli ppubblikati fl-istess ġurnal. David Lindsay noe huwa l-intimat fil-proċeduri li qiegħed jattakka r-rikorrent permezz ta' din il-kawża.

L-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 jipprovdi li:

> *"Tista' wkoll terza persuna, b'digriet tal-qorti, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta' waħda mill-partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba."*

Dwar il-kwistjoni in materja, fil-każ ta' Rose Borg vs Avukat Generali et, tal-25 ta' Frar 2016, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> *"Illi l-Qrati taghna ppronunzjaw ruhhom f'diversi okkazzjonijiet dwar il-legittimità passiva ta' persuni privati li jkunu ccitati f'kawzi ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali.*
>
> *Fil-kaz fl-ismijiet Joseph Abela v. Onor. Prim Ministru et (Kost. 7 ta' Diċembru 1990) gie ribadit li:*
>
> *F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mill-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta` dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni*

*kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja.*

*Izda kif anke gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Partit Nazzjonalista et v Kummissjoni Elettorali et. (29 ta' Mejju 2015) "Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqisu illi jeskludu kategoriji oħra."*

*Proprju f'kazijiet li jikkoncernaw l-istess materja bhal dik in disamina, ad ezempju fil-kaz fl-ismijiet Raymond Cassar Torreggiani et. v AG et (22 ta' Frar 2013) iccitat mir-rikorrenti, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:*

*"(11) … biex gudizzju jkun integru jehtieg li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, jippartecipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawza. B'hekk tigi assigurata kemm jista' jkun l-effikacità tal-gudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu partecipi fih, kif ukoll jigi rispettat il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm bzonn ta' ripetizzjoni ta' proceduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti f'gudizzju wiehed. Il-gudizzju jibqa' integru mill-mument li jiehdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra taghhom dak l-istess dritt jikkompeti (App.Civ. Joseph Borg v. Francis Vassallo [2000] Vol.LXXXIV.II.42;App. C. Zahra De domenico v. Zahra Dedomenico 15.01.1992).*

*...*

*[13] Mill-premess ghandu jirrizulta car li l-intimati konjugi Tabone, bhala inkwilini tal-fond de quo, u tenut kont tal-fatt li proprju l-inkwilinat taghhom jifforma l-mertu tal-kawza odjerna, ghandhom interess guridiku u ghalhekk ikunu partecipi fil-kawza li jista' jkollha effetti legali anke fuqhom."*

*Dan il-hsieb gie ripetut mill-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet Sam Bradshaw et v l-AG et. (6 ta` Frar 2015):*

*"Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm taqbel mat-tezi li, ladarba l-kazin agixxa skont il-ligi, allura m'ghandux legalment jirrispondi ghall-inkostituzzjonalità tal-ligi applikata minnu*

*jew jehel spejjez tal-kawza, izda mill-banda l-ohra, il-proceduri odjerni necessarjament jaffetwaw lill-kazin stante li dan hu parti fir-rapport guridiku li huwa regolat b'ligi li l-kostituzzjonalità taghha qed tigi attakkata. Ghaldaqstant il-prezenza tieghu f'dawn il-proceduri hija necessarja ghall-finijiet tal-integrità tal-gudizzju. Il-kazin bhala inkwilin tal-fond ghandu interess guridiku f'din il-kawza peress li l-meritu jikkoncerna lilu direttament. Ghal din ir-raguni huwa ghandu jkun partecipi fil-gudizzju u ghalhekk huwa legittimi kuntraditturi." (ara wkoll Cedric Mifsud nomine v Avukat Generali et. -Q.K. 31 ta' Jannar 2014; Perit Joseph Barbara v On. Prim Ministru -Q.K. 31 ta' Jannar 2014).*

*Fil-kaz in ezami, l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett lejn ic-cahda tad-dritt taghha ta` uzu u tgawdija tal-proprjetà taghha in kwantu li dan hu b'effett tal-artikolu 12(2)(b)(i) tal-Kap 158 u tal-ligijiet vigenti. Fost ir-rimedji mitluba hemm wkoll dak tal-izgumbrament tal-intimat Carmel Gatt. Ghalhekk filwaqt li taqbel li l-intimat m'ghandux legalment jirrispondi ghall-inkostituzzjonalià tal-ligi imsemmija, jew anke li jehel spejjez tal-kawza, izda mill-banda l-ohra, il-proceduri odjerni necessarjament jaffetwawh stante li dan hu parti fir-rapport guridiku li huwa regolat b'ligi li l-kostituzzjonalità taghha qed tigi attakkata. Ghaldaqstant il-prezenza tieghu f'dawn il-proceduri hija necessarja ghall-finijiet tal-integrità tal-gudizzju. L-intimat bhala inkwilin tal-fond ghandu interess guridiku f'din il-kawza peress li l-mertu jikkoncerna lilu direttament. Ghal din ir-raguni huwa ghandu jkun partecipi fil-gudizzju u ghalhekk huwa legittimu kuntradittur."*

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, din il-Qorti tibda billi tgħid li l-interess li titlob il-liġi biex persuna tiġi msejħa f'kawża għandu jkun l-istess bħall-interess ġuridiku li jkollha parti fil-kawża. Madanakollu, dan l-interess jista' wkoll ikun mibni fuq il-fatt li anke jekk ma jistax jiġi direttament kundannat jew liberat, l-imsejjaħ fil-kawża jkun jista' jressaq ir-raġunijiet tiegħu favur jew kontra t-teżi tal-attur jew l-intimat, jew addirittura tiegħu nnifsu diversament minn dawk tal-partijiet (Avukat Dottor Alfred Grech vs Avukat Generali et, deċiża minn

din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Novembru 2018 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru 2019).

B'referenza speċifika għall-kawża ta' indoli kostituzzjonali, filwaqt illi huwa minnu li bħala prinċipju ġenerali huwa l-istat li jirrispondi *per se* għal eventwali leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'daqshekk ma jfissirx illi ċertu każijiet ma jkunux jimmeritaw il-preżenza ta' ċittadini privati fil-kawża. Dan partikolarment meta l-eżitu ta' dawk il-proċeduri, in vista tar-rimedju mitlub, ikun jimpinġi fuq id-drittijiet ta' dawk iċ-ċittadini.

Il-każ tal-lum jirrigwarda l-provi li ressaq David Lindsay noe fil-proċeduri inizjati mir-rikorrent kontra tiegħu u ċioè xhieda li d-deposizzjoni tagħhom ittieħdet bil-mezz tal-*video conferencing*. Bħala rimedju, ir-rikorrent qiegħed jitlob l-isfilz ta' dawn il-provi u allura ċertament isegwi li l-eżitu ta' dawn il-proċeduri ser ikollu impatt dirett fuq id-drittijiet ta' David Lindsay noe. F'dan is-sens ukoll kienet id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet Grace Spiteri vs Avukat Ġenerali, tal-25 ta' April 2018.

Dan iwassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni li David Lindsay noe għandu l-interess ġuridiku meħtieġ għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi sabiex jissejjaħ f'din il-kawża.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat u konsegwentement tordna li jissejjaħ fil-kawża David Lindsay nomine, li jkollu għoxrin jum għat-tweġiba, u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż tal-kawza jibqghu riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG